**Minuti tal-Laqgħa nru 32 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li giet imsejħa għal nhar il-Ħamis 22 ta' Ottubru 2009 fil-5.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fil-5.45 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 5.30 P.M. | 7.00 P.M. |
| Vi`i Sindku Josette Agius Decelis | 5.45 P.M. | 7.00 P.M. |
| Kunsillier Joseph Demartino | ~~Assenti~~ SKUŻAT | |
| Kunsillier Mario Sammut | 5.30 P.M. | 7.00 P.M. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | Skużata | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | Skużata | |
| Kunsillier Paul Agius | 5.30 P.M. | 7.00 P.M. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 5.30 P.M. | 7.00 P.M. |
| Kunsillier Christopher Grech | 5.30 P.M. | 7.00 P.M. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Skużata | |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

## 1 Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru 30 u Nru 31

Il-minuti tal-laqgħat Nru 30 u Nru 31 ġew approvati unanimament.

## 2.0 Tagħrif mill-Minuti

2.01 Dwar item Nru 10,0 tal-minuti tal-Laqgħa nru 30 "Wirjiet tal-Artiġġjanat fil-Mosta" ġie deċiż li l-Kunsillera responsabbli is-sinjorina Kirby Fenech għandha tikkomunika mad-diriġenti tal-Art Academy sabiex tara jekk dawn jistgħux jgħinu fl-organizazzjoni ta' dawn la-attivitajiet billi jibgħatu xi artisti.

Is-Sindku għarraf lill-laqgħa li fuq parir tas-Supretendent tal-Pulizija intbagħatet ittra lill-ADT sabiex nitolbu l-permessi meħtieġa.

## 3.0 Materji Finanzjarji

### 3.01 Preżentazzjoni tal-Accounts ta' 1st u 2nd quarter mill-Accountant – Ms. Romina Perici Ferrante

L-accountant tal-Kunsill , is-Sinjura Romina Perici Ferrante , ippreżentat l-accounts tal-Kunsill għal-ewwel u t-tieni kwart tas-sena fianzjarja. Hija spjegat li l-financial indicator huwa kwazi zero% u l-bogħod ferm mill-figura ta' 10% kif titlob il-liġi. Hija, għalhekk informat lill-Kunsill li ma huwiex f'pożizzjoni li japprova infiq għajr dak statutorju. Dan sakemm tirranġa ruħa s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

L-accounts ġew approvati unanimament kif preżentati.

## 3.02 Approvazzjoni ta' pagamenti

Ġew preżentati tlett listi ta' pagamenti għall-approvazzjoni:

| | |
|---|---|
| Pagamenti li saru b'urġenza | € 8,597.98 |
| Pagamenti Oħra | € 55,752.05 |
| Petty Cash għall-Awwissu '09 | € 72.76 |
| Petty Cash għall-Settembru '09 | € 89.07 |
| TOTAL | € 64, 511.86 |

Dawn ġew approvati unanimament.

## 4.0 Korrispondenza

Dan l-item ma sarx .

## 5.0 Tenders

### 5.01 Xmas 2009 – u Ħatra ta' Kumitat Organizattiv

Ġie approvat li l-Kunsillier Chris Grech jikkonsulta mar-rappreżentanti tal-ħwienet tat-toroq Kungress Ewkjaristiku, Kostituzzjoni, il-Kbira u Pjazza Rotunda li huma is-Sinjuri Paul Magri, Peter Zammit u Joe Zerafa sabiex jerġa jsir l-armar tat-toroq bid-dwal bħas-sena l-oħra. Dan bil-kundizzjoni li dawn is-sinjuri msemmija jagħmlu tajjeb personalment għas-sehem dovut minn tal-ħwienet.

### 5.02 Streetlighting – Parteċipazzjoni fil-Kumitat Konġunt

Is-Segretarju informa li kien ser jagħlaq il-kuntratt tal-kuntrattur li jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq tal-Mosta. Huwa fakkar li dan il-kuntratt kien sar mill-Kumitat Konġunt flimkien ma Kunsilli oħra tat-trammuntana . Kienet ser issir laqgħa sabiex jiġi diskuss dan is-suġġett u s-Sindku kien ser jattendi għaliha u jinforma lill-Kunsill dwar l-eżitu ta' din il-laqgħa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

### 5.03 Ġbir ta' Skart – Proposta ta' Kumitat Reġjonali

Saret diskussjoni dwar jekk il-kuntratt il-ġdid ta' ġbir ta' skart għandux ukoll isir fuq bażi ta' reġjun kif kien qed jiġi propost minn kunsilli ġirien tal-Mosta. Is-Segretarju informa li fuq direzzjoni tas-Sindku huwa kien diġa informa li l-Kunsill tal-Mosta huwa interessat jipparteċipa u għandha tiġi msejħa laqgħa għall dan il-għan.

Is-Sur Pawl Agius oppona din il-proposta u għalhekk ġie inkarigat mis-Sindku sabiex jistudja din il-proposta u jiddeċiedi hu.

### 5.04 Skema ta' Enerġija Alternattiva – Parteċipazzjoni f'Kumitat Konġunt

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li huwa kien ser jattendi laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar l-iskema ta' Enerġija Alternattiva u jirraporta lura lill-Kunsill f'laqgħa oħra.

6.0 Il-laqgħa marret fuq l-agenda item nru 7. "**Ħwejjeġ oħra**"

6.01 Is-Sindku qal li xtaq jitkellem fuq il-kwistjoni tal-Youth Empowerment Centre peress li l-ftehim li kien jeżisti mal-Ministeru Taż-Żgħażagħ meta ġie mwaqqaf dan il-programm kien ilu li għalaq u li kien għalih il-Ministru dan il-programm għandu jieqaf. Huwa wera ix-xewqa li dan il-programm ikompli jiġi iffinanzjat mir-riżorsi tal-Kunsill. Is-somma involuta hija ta' bejn wieħed u ieħor €6,500-. Huwa qal li kien hemm bżonn jinstab mezz kif jinġiebu l-fondi meħtieġa anke billi issir xi bye law.

Is-segretarju qal li huwa kien ha pariri mid-Dipartiment u mill-Ministeru tal-Kunsilli u dawn qalulu li dan il-programm ma hux parti mill-obbligi statutorji tal-Kunsill u għalhekk jekk il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill (il-financial indicator) ma tirranġax ruħha huwa ma jistax japprova pagamenti għall dan il-programm .

Is-Sindku wieġeb għall dan billi qal li issa jara hu minn fejn jiġu l-finanzi.

7.00 Billi is-Sinjura Viċi Sindku Josette Agius Decelis kellha tħalli l-laqgħa minħabba impenn ta' safar u telqet fis-7,00 ta' filgħaxija waqa il-kworum u l-laqgħa kellha tieqaf hemm.

Agenda Items Numru 4 (Korrispondenza) u 6 (Controlled Time Parking fil-Mosta) ma sarux.

Il-laqgħa waqqfet fis-7.00 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv